**29 ta' Mejju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Porf. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B. Litt., LL.D.**

Assunta Cassar

*versus*

Avv. Dr. Carmelo Zammit ne.

**Lokazzjoni — Żgumbrament — Rekwiżizzjoni — Sospensjoni tal-Ġudizzju.**

*L-effett tar-rekwiżizzjoni hu, "inter alia", li s-sid jiġi dispossessat mill-fond, b'mod illi, minn mindu ssir u sakemm tibqa' sseħħ ir-rekwiżizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibbiltà ta' dak il-pussess ma hux aktar f'idejn is-sid, iżda f'idejn l-awtorità rekwiżizzjonanti.*

*Għaldaqstant, jekk is-sid jaġixxi kontra min ikun jokkupa l-fond biex jiżgumbrah minnu, ma hux spedjenti li jiġu deċiżi l-kwistjonijiet sollevati u tendenti biex jistabblixxu jekk il-konvenut għandux jiġi żgumbrat mill-fond jew għandux jiġi rikonoxxut bħala inkwilin.*

*Minflok, ikun spedjenti li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-ġudizzju sakemm il-fond ma jibqgħax kolpit mir-rekwiżizzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'-Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress li żewġt l-attriċi, l-imsemmi Giuseppe Cassar, kien jikri minn għand il-konvenut nomine l-fond nru. 45 The Strand, Sliema; u illi, bħala konsegwenza tal-kawża ta' separazzjoni li ġiet deċiża mill-Qorti Ċivili tal-Prim'Awla fid-9 ta' Marzu 1951 fl-ismijiet "Assunta Cassar vs. Joseph Cassar" (Dok. A), waqaf bejn l-attriċi u żewġha l-obligu tal-konvivenza; u illi, billi fil-fatt ir-raġel tal-attriċi mar joqgħod għar-rasu u ħalla fid-dar konjugali

l-mara flimkien ma' wliedha; u peress illi l-konvenut nomine, ma jridx jirrikonoxxi lill-attriċi bħala inkwilina "de jure", u baqa' jagħmel l-irċevuti fuq isem żewġha, avvolja skond l-imsemmija sentenza ġiet dikjarata ċessata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejniethom; talbet li jiġi dikjarat u deċiż li, in vista tas-separazzjoni personali fuq riferita, l-attriċi ssubentrat bħala inkwilina tal-fond minflok żewġha; u li konsegwentement il-konvenut nomine ikun kundannat jirrikonoxxi lill-atriċi, u okkorrendo jirrilaxxja r-relattivi riċevuti tal-kera fuq isimha; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li għandu jidher għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut nomine oppona li l-lokazzjoni in kwistjoni ġiet terminata bħala effett tad-deċiżjoni tal-Board li Jirreogla l-Kera fir-rikors fl-ismijiet "Dr. Zammit ne. vs. Giuseppe Cassar" tal-11 ta' Mejju 1953, b'mod li l-lum huwa mpossibbli li wieħed jitkellem fuq rikonoxximent bħala inkwilin tal-istess lokazzjoni li hija ineżistenti, u li għalhekk it-talba tal-attriċi ħaqqha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla' tat-18 ta' April 1955, li biha ġew respinti t-talbiet tal-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha;

Rat is-sentenza ta' dil-Qorti tal-4 ta' Novembru 1955, li biha ġiet revokata u annullata l-imsemmija sentenza, u l-atti ġew rinvijati lill-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż mingħajr taxxa, u bid-dritt tar-Reġistru bin-nofs bejn il-kontendenti;

Rat is-sentenza l-oħra taż-17 ta' April 1956, li biha l-Qorti Ċivili (Prim'Awla) laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta ulterjorment mill-konvenut, u ġew respinti t-talbiet tal-attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi mingħajr taxxa u bid-dritt tar-Reġistru fuq l-attriċi;

Rat is-sentenza ta' dil-Qorti tal-10 ta' Ottubru 1956, li biha l-imsemmija sentenza ġiet revokata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut, u li biha l-atti ġew rinvijati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Marzu 1959, li biha ċaħdet it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat illi;

L-attriċi u żewġha Giuseppe Cassar kienu jabitaw flimkien ma' wliedhom fil-fond indikat fiċ-ċitazzjoni, li kien ġie mikri lil-l-istess Giuseppe Cassar;

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Marzu 1951, fl-ismijiet "Assunta Cassar vs. Giuseppe Cassar", ġiet pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti fuq il-ħtija tar-raġel, u "inter alia" ġiet imwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti, salva likwidazzjoni f'ġudizzju separat, u l-kura tat-tfal ġiet fdata lill-attriċi. Sussegwentement Giuseppe Cassar mar joqgħod band'oħra, u l-attriċi ma' wliedha baqgħet tokkupa l-fond;

L-attriċi nsistiet mal-konvenut biex jirrikonoxxiha bħala inkwilina minflok żewġha; iżda l-konvenut ma riedx, baqa' jagħmel l-irċevuti f'isem Giuseppe Cassar, u, kif huwa xehed (fol. 108), qagħad attent li ma jagħmelx il-kera għan-nom tal-attriċi;

B'deċiżjoni tal-Board tal-Kera tal-11 ta' Mejju 1953, fl-ismijiet "Avukat Dottor Carmelo Zammit ne. vs. Joseph Cassar", ġie ordnat l-iżgumbrament, fi żmien xahrejn, talistess Cassar mill-fond in kwistjoni f'din il-kawża minħabba f'morożità fil-ħlas tal-kera; liema deċiżjoni għaddiet f'ġudikat;

L-attriċi ssostni li l-konvenut għandu jirrikonoxxiha bħala inkwilina minflok żewġha, billi tippretendi illi, bħala konsegwenza tas-sentenza tas-separazzjoni, in kwantu hija baqgħet tokkupa l-fond meta żewġha mar joqgħod band' oħra hija saret "de jure" l-inkwilina;

Iżda, fin-nuqqas ta' provvediment tal-liġi għal eventwalità bħal dik f'din il-kawża, il-konvenut ma jistax jiġi kostrett jirrikonoxxi lill-konvenuta bħala inkwilina. Dan ma hux il-każ ta' dritt ta' inkwilinat parafernali tal-attriċi. Il-lokazzjoni tal-fond kienet ġiet kuntrattata ma' Giuseppe Cassar, żewġt l-attriċi, u d-dritt tal-attriċi għall-okkupaz-

L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur għaliex irriteniet, fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, illi ċ-ċedola li biha ġie eżerċitat l-irkupru kienet nulla, u kwindi kienet bla bażi ċ-ċitazzjoni tal-attur fondata fuq dik iċ-ċedola. Dik l-eċċezzjoni kienet bażata fuq il-fatt illi tlieta mill-konvenuti, ċjoè Marianna Vella, Maria Rosa Agius u Francesca Dalli, li kienu akkwistaw porzjonijiet indiviżi mill-fond irkuprat fil-bejgħ li ta lok għall-irkupru, huma miżżewġa, u għalhekk iċ-ċedola tal-irkupru għar-rigward ta' dawk il-porzjonijiet messha saret kontra l-irġiel ta' dawk it-tliet nisa bħala kapijiet tal-komujoni tal-akkwisti, u mhux, kif fil-fatt saret, kontra dawk in-nisa, għad illi bl-assistenza ta' żwiegħom;

Ikkunsidrat;

Ma jistgħax ikun hemm dubju — għaliex tgħidu espressament il-liġi fl-art. 1365 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 E.R.) — illi l-ħwejjeġ akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, ankorkè l-akkwist ikun sar fl-isem tar-raġel biss jew tal-mara biss; anzi, jekk il-flus jew ħwejjeġ oħra li bihom ikun sar l-akkwist ikunu partikulari tar-raġel biss, jew tal-mara biss, il-ħaġa akkwistata matul iż-żwieġ tidħol l-istess fil-komunjoni, salv id-dritt ta' kreditu favur ir-raġel jew il-mara, skond il-każ;

Ma ġiex kontestat illi bejn l-imsemmija tliet nisa u żwiegħom rispettivi kienet, fiż-żmien li huma xtraw il-kwoti ndiviżi tal-fond in kwistjoni, teżisti l-komunjoni tal-akkwisti kif regolata mill-liġi. Lanqas saret ebda kontestazzjoni dwar il-flus li bihom sar l-imsemmi akkwist da parti ta' dawk it-tliet nisa; u l-preżunzjoni hi li dawk il-flus kienu tal-komunjoni;

Ikkunsidrat;

L-attur, però, jikkontendi l-ewwelnett illi, peress li l-kwoti akkwistati minn dawk it-tliet nisa miżżewġa kienu, flimkien mal-bqija tal-fond, suġġetti għad-dritt ta' rkupru

legali spettanti lilu, allura dawk il-kwoti ma setgħux effettivament jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnhom u bejn żwiegħom matul iż-żmien li l-irkupru seta' jiġi eżerċitat;

Din il-preteża tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa. Kif tajjeb irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Debono vs. Mercieca", maqtugħa fis-27 ta' Frar 1950 (Kollez. Vol. XXXIV-II-503), ixxiri ta' fond, għad li jkun suġġett li jiġi riżolut minħabba dritt ta' rkupru, huwa fih innifsu perfett, u ma jibqgħax sospiż matul iż-żmien li fih l-irkupru jista' jiġi eżerċitat. Il-fond akkwistat jidħol bħala proprjetà fil-patrimonju tal-akkwirent (anki jekk b'xi restrizzjonijiet li ma jinteressawx lil din il-kawża, e.g. art. 1665 Kodiċi Ċivili), salv li jerġa joħroġ minn dak il-patrimonju meta u jekk jiġi validament eżerċitat l-irkupru u ssir ir-rivendizzjoni. Bix-xiri, mela, ta' dawk il-kwoti ndiviżi tal-fond in kwistjoni da parti tal-imsemmija tliet nisa, l-istess kwoti daħlu effettivament fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żwiegħom. Dan ġara "ipso jure", bis-saħħa tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, għad illi l-akkwist sar f'isem dawk in-nisa;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan li għadu kemm intqal, il-kwistjoni hi din. Il-preżentata taċ-ċedola ta' rkupru, li hi l-mod "preskritt" mill-liġi għall-eżerċizzju tiegħu, kienet, fil-każ preżenti għar-rigward tal-kwoti fuq imsemmija, tirrappreżenta l-eżerċizzju ta' dritt b'mod ġudizzjarju "fuq ħaġa tal-komunjoni tal-akkwisti"; u kwindi, biex setgħet tkun valida, kellha tkun "kontra l-persuna li skond il-liġi għandha d-dritt tidher għal dik il-komunjoni";

Issa, skond l-art. 1362 tal-Kodiċi Ċivili, l-amministrazzjoni tal-akkwisti tmiss lir-raġel, li quddiem it-terzi jagħmel minnhom daqs li kieku kienu ħwejġu. Għal din id-dispożizzjoni l-liġi tannetti tant importanza, illi saħansitra tiddikjara null kull ftehim li jkun direttament jew indirettament kuntrarju għaliha. Minn dan jiġi illi kwalunkwe pretensjoni ta' dritt dwar dawk il-kwoti da parti ta' terzi, bħal

ma huwa l-attur, u kwindi, speċifikatament, l-eżerċizzju tal-irkupru li bih ix-xiri kien jiġi riżolut u dawk il-kwoti jerġgħu joħorġu mill-komunjoni tal-akkwisti, ma setgħax isir validament ħlief kontra l-irġiel ta' dawk it-tliet nisa bħala l-kapijiet tal-komunjoni tal-akkwisti. "Essendo il marito l'amministratore dei beni della comunione, gli atti giudiziari sono proposti regolarmente contro di lui soltanto" (Fadda, art. 1438, no. 24);

Huwa veru illi, kif jgħid l-attur, l-art. 1492, 1498, u oħrajn, taħt is-subtitolu tal-Kodiċi Ċivili li jittratta fuq l-irkupru, isemmi fl-ewwel lok lix-xerrej "bħala dak li kontra tiegħu jiġi eżerċitat dak id-dritt", u bħala xerrejja, fil-każ preżenti għar-rigward tal-kwoti in kwistjoni dehru dawk it-tliet nisa. Huwa veru wkoll illi skond l-art. 1039 ta' dak il-Kodiċi, "quddiem it-terzi, l-effetti ta' kuntratti li bihom tiġi trasferita l-proprjetà ta' immobili jew ta' jedd ieħor fuq immobili, ma jibdewx ħlief mill-waqt li dawn il-kuntratti jiġu mniżżla fl-Uffiċċju tar-Reġistru Publiku, u fil-każ preżenti l-akkwist minn dawk it-tliet nisa ġie fir-Reġistru Publiku reġistrat f'isimhom. Iżda l-kwistjoni tibqa' dejjem "min" għandu jkun ir-rappreżentant tal-komunjoni u l-leġittimu kontradittur fi kwalunkwe inċident ġudizzjarju relattiv għall-beni li daħlu fil-komunjoni jew għal drittijiet jew obligazzjonijiet tal-komunjoni? Ir-risposta għal din id-domanda ma tistgħax tkun ħlief waħda, ċjoè ir-"raġel", ankorkè l-akkwist jew in-negozju jkun sar, jew l-obligazzjoni tkun ġiet kuntratta, f'isem il-mara. Dan jgħodd għall-eżerċizzju ta' dritt ta' rkupru fuq fond akkwistat f'isem il-mara taħt ir-reġim tal-komunjoni, bħal ma jgħodd għall-esperiment ta' kull pretensjoni ġudizzjarja oħra, fl-istess ċirkustanzi rigwardanti dak il-fond, bħal, ngħidu aħna, azzjoni ta' rexissjoni jew ta' rivendikazzjoni, jew azzjoni ipotekarja, l-istess bħal ma jgħodd għall-pretensjonijiet ta' terzi mnisslin minn negozji ġuridiċi magħmulin f'isem il-mara, meta dawn skond il-liġi jobligaw lill-komunjoni (ara Kollez. Vol. XXX-I-696; XXXI-I-266; XXXVII-II-610; XXXVIII-I-405, 565). Dan għaliex matul iż-żwieġ ir-raġel biss hu l-kap u s-sid tal-akkwisti;

Għad illi l-liġi tagħna ma tgħidx espressament, bħal

ma kien jgħid l-art. 1438 tal-Kodiċi Taljan, illi r-raġel biss "può stare in giudizio per le azioni riguardanti" il-komunjoni, il-liġi tagħna fil-fatt tgħid aktar, u timplika neċessarjament l-istess regola. Infatti, il-liġi tagħna tgħid mhux biss illi r-raġel jamministra (u dan f'sens assolutament l-aktar ampju) l-akkwisti konjugali, imma wkoll li jiddisponi minnhom bħal kieku kienu tiegħu. Jgħodd, għalhekk, għalina dak li jgħidu l-kommentaturi tal-Kodiċi Taljan f'dan ir-rigward, per eżempju r-Ricci:— "Il marito nella sua qualità di amministratore della comunione ha esclusivamente il diritto di stare in giudizio per le azioni che la riguardano" (Corso, Vol. 7, § 87). Il-Paċifiċi Mazzoni:— "Il marito solo può amministrare i beni della comunione e stare in giudizio per le azioni riguardanti la stessa" (Ist. Vol. 4, § 210);

Anki taħt il-Kodiċi Franċiż, li bħal tagħna ma kienx fih il-kliem fuq imsemmi tal-Kodiċi Taljan, il-kommentaturi kollha kienu jaqblu illi, kif jgħidha l-Marcadè, ir-raġel biss, "per rispetto ai beni comuni, può intestare le azioni o rispondervi" (Vol. 3, P. I, art. 1422, § 1);

Il-fatt li, fil-każ ta' l-akkwist ta' immobili magħmul f'isem il-mara, l-insinwa fir-Reġistru Publiku turi isimha, ma jwaqqax ir-regola assoluta fuq imsemmija. L-art. 1362 tal-Kodiċi Ċivili, ġa fuq imsemmi, ma jagħmel ebda distinzjoni bejn akkwist ta' beni mobili u immobili; u r-raġel, għar-rigward tal-beni tal-komunjoni, u bħala kap tagħha, "jirrappreżenta anki l-mara". "Nel sistema della comunione il marito è il capo legale della comunione, e quindi negli acquisti coniugali rappresenta la moglie" (Fadda, art. 1433, no. 63);

Jista', huwa veru, kif jgħid l-attur, jagħti l-każ illi l-komunjoni tal-akkwisti tkun ġiet eskluża bil-kuntratt taż-żwieġ, jew tkun ġiet mitmuma bis-separazzjoni; u allura r-regola fuq imsemmija ma tkunx tapplika aktar, u rkupru eżerċitat kontra r-raġel ikun ġie eżerċitat ħażin, b'konsegwenza fatali (per eżempju mħabba l-għeluq taż-żmien) għar-retraent. Iżda dan ir-riskju jew inkonvenjent (li jeżisti dejjem, u mhux biss fil-każ ta' rkupru) ma jistgħax

jiġi skonġurat billi jkun permess li l-proċeduri jsiru kontra l-mara b'esklużjoni tar-raġel; iżda jista' jiġi evitat billi fil-każ ta' dubju jekk il-komunjoni teżistix jew le, il-proċeduri jsiru kontra t-tnejn, jew kontra r-raġel bħala kap tal-komunjoni u, għall-interess li jista' jkollha, kontra l-mara wkoll;

Inveċe, fil-każ preżenti ċ-ċedola għar-rigward tal-kwoti in kwistjoni — għad illi, bħala fatt, il-komunjoni tal-akkwisti kienet teżisti — saret kontra l-mara biss; u għalhekk għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li rritenietha irrita u nulla, u kwindi bla bażi l-proċeduri fondati fuqha relattivament għal dawk il-kwoti mixtrija minn Marianna Vella, Maria Rosa Agius u Francesca Dalli;

Ikkunsidrat;

Illi, però, l-attur nomine isostni illi din in-nullità ma għandhiex taffetta l-irkupru magħmul minnu kontra l-konvenuti l-oħra u rigward il-kwoti ndiviżi mixtrija minnhom;

Fil-kawża ġa ċitata, "Debono vs. Mercieca", il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet illi l-azzjoni ta' retratt hija diviżibbli, u infatti żammet l-irkupru eżerċitat f'dak il-każ validu għal nofs indiviż, u null għan-nofs l-ieħor. Iżda din il-Qorti ma tħossx li għandha ssegwi dak il-preċedent f'dan il-każ. Apparti mill-ostakolu proċedurali rilevat fis-sentenza appellata, din il-Qorti ssib raġuni deċiżiva kontra t-teżi tal-attur f'argument "a fortiori" mill-art. 1528 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur nomine jippretendi illi d-dritt tiegħu ta' rkupru jinvesti l-fond kollu. Issa, jekk, skond dak l-artikolu, meta jinbiegħu żewġ fondi jew iżjed, anki jekk fil-bejgħ ikun ġie miftiehem prezz separat għal kull fond, il-persuna li għandha jedd tirkuprahom kollha, mqar jekk b'titoli diversi, hi obligata li tirkupra l-fondi kollha f'daqqa, "quanto magis" kien obligat l-attur nomine li jirkupra l-fond kollu f'daqqa, li ġie mibjugħ bi prezz wieħed, għad illi fi kwoti ndiviżi? (Ara wkoll Kollez. Vol. XII. p. 586). Eppure, kif ġraw il-fatti, dan l-obligu l-attur ma wettqux. Ġaladarba rigward il-porzjonijiet mixtrija mit-tliet nisa

miżżewġa l-irkupru sar nullament, għandu jitqies daqs li kieku ma sar xejn mill-bidu; "quod nullum est nullum effectum producit": u l-attur mhux intitolat li jżomm bħala validament eżerċitat l-irkupru tiegħu in kwantu jirrigwarda biss il-kwoti l-oħra ndiviżi ta' dak il-fond wieħed;

Il-Qorti ma tħossx, fuq din i-kwistjoni, li tista' tippreferixxi s-soluzzjoni teorika, jew bażata fuq liġijiet jew konswetudinijiet oħra mogħtija minn xi awturi, per eżempju l-Pothier, għar-rigward tar-retratt ġentilizju (Trattato dei Retratti, P. I, Capitolo II, § 25), li tidher kuntrarju għad-dispożizzjoni pożittiva tal-liġi tagħna. Lanqas jgħoddu għall-irkupru legali d-dispożizzjonijiet tal-art. 1534-1540 tal-Kodiċi Ċivili, relattivi għall-irkupru konvenzjonali. Wieħed ma għandux jinsa illi, fil-waqt li għal dan l-irkupru tal-aħħar, li hu patt liberament miftiehem bejn il-partijiet, jistgħu japplikaw prinċipji oħra, "principio universalmente riconosciuto in materia di retratto legale, che le leggi o le consuetudini che lo permettono, essendo esse contrarie alla libertà della disponibilità dei beni, sono di stretta interpretazione" (Kollez. Vol. XXX-I-106);

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju 1956, fil-kawża "Grech vs. Felice", ġie ritenut, kif kien ġie ritenut f'każi oħra (v. Vol. XXX-II-25 u XXXI-I-1), illi ebda ostakolu ma hemm fil-liġi għall-irkupru ta' biċċa biss minn fond "meta għall-kumplament ma hemmx titolu ta' rkupru". Dan huwa naturali. Imma minnu jitnissel leġittimu l-argument "a contrario sensu", illi, meta t-titolu tar-retraent iħaddan il-fond kollu, kif inhu l-każ preżenti, allura ma tistgħax tiġi rkuprata biss parti mill-fond;

Is-soluzzjoni li qegħdha tagħti l-Qorti, a bażi tal-liġi, tevita l-ħolqien ta' stati ta' komunjoni koatta li ma jistgħux ikunu ben visti għall-liġi;

Kwindi, iċ-ċedola ta' rkupru tal-attur nomine għandha titqies li kienet nulla u bla effett għar-rigward tal-fond kollu u tal-konvenuti kollha;

Ikkunsidrat;

In vista tal-premess, ma hemmx lok, kif ukoll qalet l-Ewwel Qorti, li tiġi deċiża t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti. Biss jista' jingħad dan: Emmanuele Spiteri Bonnici biegħ il-fond in kwistjoni liż-żewġ ħutu u t-tfal ta' ħuħ l-ieħor premort, biex, kif stqarr l-avukat tal-attur fit-trattazzjoni, javvantaġġja l-familja. Il-venditur irriżerva d-dritt ta' rkupru konvenzjonali għal tliettax il-xahar, evidentement biex jipproteġi lilu nnifsu u lix-xerrejja mill-irkupru legali. Però huwa miet wara xahar. L-eredi leġittimi tiegħu huma l-istess xerrejja, u dawn aċċettaw l-eredità bil-benefiċċju tal-inventarju. Hija dottrina komunement aċċettata li d-dritt ta' rkupru konvenzjonali huwa trasmissibbli lill-eredi tal-bejjiegħ (Troplong, Della Vendita, § 700). Huwa wkoll prinċipju illi l-aċċettazzjoni tal-eredità bil-benefiċċju tal-inventarju timpedixxi l-konfużjoni, peress li timporta separazzjoni bejn il-patrimonju tal-mejjet u dak tal-werriet (v. art. 931 Kod. Ċiv., u Giorgi Vol. 8, § 100). Il-konvenuti, fil-kwalità tagħhom ta' eredi benefiċjati tal-bejjiegħ eżerċitaw kontra tagħhom innfushom bħala xerrejja, u kontra t-tliet irġiel kapijiet tal-komunjoni tal-akkwisti, l-irkupru konvenzjonali trasmess lilhom mill-bejjiegħ. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi diffiċli wieħed jara kif, apparti minn dak kollu li ntqal qabel, seta' jrieġi l-irkupru legali pretiż mill-attur;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti taqta' l-appell billi tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Mejju 1957, u tiċħad it-talbiet tal-attur nomine; bl-ispejjeż.